MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1498/2001/1

**Audrey Zarb**

**vs**

**Noel Zarb**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Dicembru, 1995, mill-liema zwieg twieled il-minuri Warren li llum ghandu tlett snin.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

L-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fit-19 ta' Gunju 2002 u li ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' April 2002; tal-4 ta' Gunju 2002; tas-27 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta' Victoria Bugeja u Susan Persiano.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-10 ta' Dicembru 1995 jigi dikjarat null u bla effett stante li hija qed tallega li l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**B. KONVENUT KONTUMACI**

Illi l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fid-19 ta' Gunju 2002 izda huwa ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u b'hekk huwa kontumaci.

**C.PROVI PRODOTTI**

Illi fix-xhieda taghha l-attrici qalet li hija u l-konvenut izzewgu wara disa' snin gherusija. Huma bdew jinnamraw meta hi kellha 16-il sena u hu kien sena akbar minnha. Huma kibru flimkien. Hija kienet tqatta' hin id-dar tal-genituri tieghu u kienet thossha parti mill-familja tieghu. Peress li hi kienet minghajr missier hasset li fl-ahhar kellha familja hi wkoll.

Illi qabel ma zzewgu Noel kien jidher kwiet pero' dan sakemm izzewgu. Huwa kien ighir hafna ghaliha u beda jipprova jikkontrollalha hajjitha kompletament. Huwa kien ighidilha fi x'hin tohrog u tidhol u ma' min ghandha tkun. Minhabba li hi ma kienitx imdorrija hekk kienu jispiccaw jiggieldu. Hija xehdet li huwa beda jerfa' jdejh fuqha kull meta kienet tirrispondih. Ghalkemm kemm-il darba marret l-Ghassa biex taghmel rapport il-Pulizija kienu jikkalmawha peress li hafna minnhom kienu jafu lill-familja taghha.

Illi fil-bidu ppruvat tissaporti din il-hajja. Wara ftit inqabdet tqila ghax hasbet li l-konvenut kien jikkalma. Wara li twieled it-tifel, il-konvenut beda jissikkaha aktar tant li beda jinsisti li ma tohrogx mid-dar u toqghod 24 siegha mat-tifel. Hija hassitha tifga dejjem maghluqa gewwa d-dar.Fl-ahhar ma setghetx tissaporti aktar u qabdet hwejjigha u tat-tifel u harbet mid-dar u hassitha ahjar ghax anki kienet tohrog lit-tifel. Wara ftit xhur harget tahdem u b'hekk terga' tiffrekwenta n-nies. Kwindi hija u l-konvenut

ftehmu li t-tifel ghandu jqatta' l-gurnata ma' omm zewgha u dan sakemm hu jkun ix-xoghol. Hija tara lit-tifel fil-festi u fil-hdud.

Illi llum hija qed tghix hajjitha fil-kwiet taghmel dak li jfetlilha minghajr hadd ma jikmandaha. Hija sostniet li zzewget lil Noel ghax kienet drat lilu u lil familtu, pero' ma setghetx tissaporti fil-hajja mizzewga. Kien ghalhekk li sseparat u li bdiet dawn il-proceduri biex tkun libera minn kull irbit.

Illi **Victoria Bugeja**, omm l-attrici, xehdet li bintha bdiet tinnamra ma' Noel meta kellha sittax-il sena. L-attrici kienet tqatta' hafna hin ghand il-genituri tieghu, u dan wara ftit li bdew johorgu flimkien. Hija bilkemm kienet taraha peress li mix-xoghol kienet tibqa' sejra d-dar tal-genituri tieghu. Huma kienu spiccaw trabbew u kibru flimkien. Hija qalet li xi drabi kienet tara lil bintha bid-dwejjaq u meta kienet tistaqsieha kienet tghidilha li hija u Noel ma jaqblu f'xejn. Hija pero' ma kienitx tindahlilhom.

Illi ftit wara li zzewgu saret taf li beda jinqala' l-inkwiet bejniethom u li kif qaltilha bintha kien issawwatha u kull darba kienet iccemplilha tibki. Il-konvenut ma beda jhallieha tmur imkien u ftit kienu l-okkazzjonijiet fejn marret tara lil ommha. Ghalkemm kienet tghidilha biex tmur taraha hija kienet tghidilha li Noel ma kienx ihalliha tohrog. Hija qalet li lil uliedha qatt ma rabbiethom f'sikkatura u b'hekk wara z-zwieg bintha spiccat f'sikkatura kbira minn zewgha. Meta harget tqila bit-tifel bintha spiccat aktar issikkata minn qatt qabel tant li matul it-tqala kollha kienet tmur taraha hi. Hija dejjem kienet issibha bid-dwejjaq u ta' spiss kienet iccemplilha tibki li ma tiflahx aktar ghal din il-hajja. Skond ix-xhud bintha kienet qisha ghasfur go gagga. Wara ftit xhur mit-twelid tat-tifel bintha cemplitilha li kienet telqet mid-dar. Hija qaltilha li ma felhitx tghix aktar qisha go habs u ghalhekk iddecidiet li titlaq.

Illi oht l-attrici **Susan Persiano** tiftakar li ohtha bdiet tinnamra mal-konvenut meta kienet ghadha zghira. Hi damet tkellmu diversi snin. Waqt l-gherusija taghha ohtha kienet tqatta' l-maggiorparti tal-hin ghand il-familja tieghu.

Hija qalet li l-ahwa kollha bdew jinnamraw ta’ eta’ zghira. Spjegat li huma kienu jfittxu li jissettiljaw ma’ xi hadd kemm jista’ jkun kmieni f’hajjithom biex johorgu mid-dar t’ommhom. Hija qalet li ghalkemm ommhom ippruvat trabbihom bl-ahjar mod possibbli hija kienet limitata ferm peress li dejjem ghexet bl-ghajnuna socjali u b’hekk it-tfal kellhom ifendu ghal rashom. Ohtha Audrey ma kienitx eccezzjoni. Noel kien l-ewwel gharus taghha u hi baqghet mieghu. Huma qishom trabbew flimkien tant li kienu qishom zewgt’ ahwa aktar milli gharajjes. Il-familja tieghu saru qishom il-familja taghhom.

Illi Audrey kienet tghidilha li kien hemm problemi bejnha u bejn Noel fis-sens li ma kienux jaqblu fuq id-decizjonijiet li kellhom jiehdu flimkien. Pero’ min-naha taghha qatt ma telqet lil Noel ghax tant kienet drat lilu u lill-familtu li hija ma kellhiex kuragg titlaqhom. Ftit wara z-zwieg taf li nqala’ nkwiet kbir bejniethom. Ohtha kienet iccemplilha tibki u tghidilha li huwa ma kienx qed ihallieha tohrog mid-dar. Hija kienet thossha qiesha f’gagga w il-ftit drabi li ltaqghet maghha kienet tidher imdejjqa hafna. It-tqala tat-tifel aggravat is-sitwazzjoni u kompliet tilmenta li thossha go habs. Wara ftit xhur li kellha lit-tifel habta u sabta qabdet u telqet mid-dar bit-tifel.

**<u>D. LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>**

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta’ l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

“(d) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or*

*carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attrici zzewget lill-konvenut aktar milli ghax kienet ikkunsidrat x'kien jinvolvi z-zwieg izda ghax kienet ilha tohrog mieghu. B'hekk kif xehdet hija, kif ukoll ommha u ohtha huma pratikament trabbew flimkien. Inoltre' minhabba l-fatt li hi trabbiet minghajr missier hija hasset li hi kienet sabet familja. Infatti hija

kienet tkun dejjem ghand il-familja tieghu kemm damet tohrog mieghu. B'hekk sabitha difficli li titilqu anki jekk kien hemm differenzi bejniethom diga' minn qabel iz-zwieg.

Illi min-naha tieghu l-konvenut biddel l-atteggament tieghu fil-konfront taghha. Infatti wara li zzewgu beda jikkontrollaha f'kollox minhabba li kien ighir hafna ghaliha. Kien jindahlilha fix-hin tidhol u tohrog. Imbaghad spicca li kull darba li tirrispondih kien anki jerfa' jdejh fuqha. Wara li twieled it-tifel is-sitwazzjoni ggravat ghax pretenda li hija ma tohrogx mid-dar biex toqghod il-hin kollu mat-tifel. Ghalhekk irrizulta li anki l-kunsens tieghu kien vizzjat a bazi ta' l-artikolu 19(1)(d). Infatti kif inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. NA 15 ta' Marzu 2000) :-

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin".*

Illi minn dak kollu li rrizulta l-konvenut ma kellux idea li z-zwieg ifisser *"communion of life and love"* ; imma huwa ried jikkontrolla lil martu aktar minn kollox.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap.255**.

Illi stante l-premess din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fuq il-lanjanza l-ohra allegata mill-attrici *ai termini* tal- **Artikolu 19(1)(f) tal-Kap.255** tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Dicembru 1995 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Ottubru 2002.**